DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 172046** **13.09.2017**

**STQARRIJA MILL-KAMRA TAD-DEPUTATI**

***Id-Deputy Speaker tippresjedi l-Parlament taż-Żgħażagħ 2017***

Id-Deputy Speaker Claudette Buttigieg ippresediet l-edizzjoni tal-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ tal-2017. Din hi attività organizzata mill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ li issa għandha post fiss fil-kalendarju tal-Parlament ta' Malta, fejn żgħażagħ ta' bejn it-13 u l-35 sena jkollhom l-opportunità li jipparteċipaw f'seduti fejn jiddibattu numru ta' temi magħżula mill-parteċipanti stess. Is-seduta ġiet indirizzata wkoll mill-President tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ Michael Piccinino, wara kelmtejn ta' introduzzjoni mid-Deputy Speaker.

Għall-edizzjoni tal-Parlament taż-Żgħażagħ 2017 ġew magħżula tliet temi għal grupp ta' żgħażagħ bejn it-13 u t-18-il sena. Din l-attività ġġib fi tmiemha ħidma minn numru ta' żgħażagħ li tkun ilha għaddejja diversi xhur. Kull tema fuq l-aġenda kienet irrappreżentata minn partit: il-Partit tal-Kultura u tal-Innovazzjoni f'Malta, il-Partit tat-Tibdil fil-Klima, Hemm Soluzzjoni? u l-Partit  taż-Żgħażagħ fid-Dinja tax-Xogħol. Iż-żgħażagħ li għandhom bejn id-19 u l-35 sena nqasmu fi tliet partiti kif ġej: il-Partit dwar is-Saħħa Sesswali u Riproduttiva, il-Partit tal-Immigrazzjoni u l-Protezzjoni Umanitarja u l-Partit tad-Diċentralizzazzjoni u tad-Devoluzzjoni tal-Poter f'Għawdex.

Wara dibattiti ħajjin dwar dawn it-temi kif ukoll dwar ir-riżoluzzjonjiet u l-emendi mressqa għalihom mill-partiti kollha, iż-żgħażagħ approvaw ir-riżoluzzjonijiet finali.

Diversi ministri, segretarji parlamentari u membri parlamentari pparteċipaw f'din l-attività, inklużi l-Prim Ministru Joseph Muscat u l-Kap tal-Oppożizzjoni Simon Busuttil.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**